# QORTI TA' L-APPELL

## (SEDE INFERJURI)

**IMHALLEF**

**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 14 ta’ Gunju, 2001**

**Numru 6**

**Avviz Nru. 1235/99 SM**

**Mifsud Automobiles Ltd.**

**vs**

**John u Dorothea konjugi Cassar**

**Il-Qorti,**

Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fit-12 ta’ Dicembru, 2000, liema sentenza taqra kif gej:-

> “Il-Qorti,
>
> Rat l-avviz fuq indikat datat id-19 t’Awissu ta’ l-1999 li permezz tieghu s-socjeta’ attirici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m’ghandhomx ikunu kkundannati:
>
> 1. Ihallsuha s-somma ta’ tmien mija u tnejn u sebghin lira, (LM872.00,0) import ta’ tmien kambjali ta’ mija u disa liri l-wahda

li skadew fl-ewwel gurnata ta' kull xahar bejn Jannar u Awissu 1999 inklussivament (Dok. A1 sa Dok. A8);

2. Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala, u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datat t-2 ta' Settembru ta' l-1999 li permezz taghha l-konvenuti eccipew is-segwenti:

1. Illi hemm kawza pendenti quddiem l-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Cassar John vs Mifsud Automobiles Limited Citaz. 319/99 RCP appuntata ghall-5 ta' Ottubru, 1999 dwar l-istess meritu u ghalhekk din il-kawza ghandha tieqaf sabiex tinstema l-esitu tal-kawza l-ohra;

2. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba tas-socjeta' attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi l-kambjalijiet gew iffirmati n-konessjoni ma' bejgh ta' vettura liema vettura rrizultat mhiex tal-kwalita' pattwita u liema vettura qieghda ddepositata ghand konsenjatarju;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat id-dokumenti esebiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti orali tal-partijiet;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:

1. Illi l-konvenuti ffirmaw tmien kambjali fl-akbar liberta', (ara fol 19);

2. Illi dawn kienu in konsiderazzjoni ta' vettura li s-socjeta' attrici bieghet lill-konvenuti;

Ikkonsidrat:

Ili a tenur ta' l-artikolu 199 tal-Kap 13 jigi ribadit li ma tistax issir opposizzjoni ghall-hlas ta' kambjala hlief fil-kaz ta' telf ta' kambjala jew ta' falliment tal-pussessur li ma jirrizultawx;

Illi ghalhekk l-eccezzjonijietipprezentati huma rrilevanti ghall-vertenza in dizamina;

Ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuti John u Dorothea konjugi Cassar ihallsu l-ammont ta' tmien mija u tnejn u sebghin Lira Maltin, (LM872.00,0), lis-socjeta' attrici, bl-ispejjez".

Minn dik is-sentenza il-konvenuti interponew appell permezz ta' rikorsipprezentat fit-28 ta' Dicembru, 2000, li bih talbu li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u konsegwentement tichad it-talbiet tas-socjeta' attirici, jew, jekk ikun il-kaz, tistenna l-ezitu tal-kawza pendenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili Nru. 319/99 GC jew is-socjeta' attrici tigi ordnata li tiddepozita dik is-somma xierqa skond ic-cirkostanzi, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

Mill-process ma jirrizultax li s-socjeta' attrici pprezentat risposta ta' l-appell.

Il-kontestazzjoni tal-konvenuti appellanti fir-rigward tas-sentenza appellata hija illi kien il-kaz illi l-ewwel Qorti taddotta wahda mill-mizuri li ser jissemmew:-

1. Jew li ai termini ta' l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc tordna lis-socjeta' attrici tiddepozita garanzija biex f'kaz ta' ezitu favur il-konvenuti

fil-kawza l-ohra jigi evitat li s-socjeta' attrici tkun f'posizzjoni li ma tkunx tista' tikkompensa lill-konjugi Cassar;

2. Jew li semplicement tissopprassjedi sakemm tigi deciza l-kawza l-ohra pendenti bejn il-partijiet li ghaliha saret riferenza;

3. Jew li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet li kienu qeghdin iressqu il-konvenuti fir-rigward tan-negozju li sar bejn il-kontendenti rigwardanti l-vettura mibjugha u li ma kienetx tal-kwalita' pattwita u li ghaliha jirreferu l-kambjalijiet.

Ikkonsidrat:

Fl-ewwel lok, kwantu jirrigwarda l-pretiza applikazzjoni u applikabilita' ta' l-artikolu 198 (2) tal-Kodici tal-Kummerc, din il-Qorti ma tarax li kien il-kaz li dan kellu jigi applikat jew li kien applikabbli. Il-posizzjoni forsi setghet tkun differenti kieku almenu saru l-provi fid-direzzjoni ta' dak illi hemm provdut fl-istess artikolu, cioe' l-artikolu 198 tal-Kodici tal-Kummerc, u mhux it-tieni paragrafu tieghu biss imma anke l-ewwel paragrafu.

Dwar il-kumplament din il-Qorti ftit ghandha xi tghid peress illi l-kwistjoni kollha tinkwadra ruhha fl-aspett ta' l-awtonomija tal-kambjala u ta' l-

azzjoni relattiva ghaliha. Huwa veru li hemm certi cirkostanzi fejn giet addottata wahda mit-teoriji relativi ghall-kambjali li tammetti li fil-kors ta' azzjoni kambjarja l-Qorti tiehu konjizzjoni ta' certi eccezzjonijiet. Pero' jinghad ukoll minghajr htiega li din il-Qorti toqghod tidhol f'rivista ta' gurisprudenza twila, anke ghax bhal dan il-kaz kambjali relativi ghal vetturi li jirrizultaw difettuzi kien hemm diversi, din l-eccezzjoni ghar-regola ta' l-awtonomija ta' l-eccezzjoni ma tapplikax.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi respint u s-sentenza appellata qed tigi konfermata bl-ispejjez ta' din l-istanza a karigu ta' l-appellant.

Dep/Reg

mm